MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2003

Avvi$Z Numru. 570/1999/1

**Hugh P Zammit ghan-nom u in rappresentanza tal-kumpanija Galdes & Mamo Limited u din in rappresenanza tal-kumpanija assikuratrici estera Royal International Insurance Holdings Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Joseph Zammit sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Joseph Zammit**

**Vs**

**Noel Galea**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur nomine et talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-atturi s-somma ta' sitt mija u erbgha u tmenin liri Maltin u erbgha u disghin cetemzu (Lm684.94) li jinkludu mitt lira Maltin (Lm100) "Excess" imhallas mill-assikurat Joseph Zammit rappresentanti danni kagunati mill-

konvenut f'incident awtomobilistiku tal-4 ta' Lulju, 1998, gewwa Burmarrad, bejn il-vettura numru GAD 569 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru CAF 815 misjuqa minn James Zammit u propjeta' tal-attur Joseph Zammit, liema incident gara unikament tort tal-konvenut, minhabba traskuragni, imperizija u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta' Novembru 1998,u dawk tal-ittra uffijcali prezentanta kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut ma' l-avviz u bl-imghax mid-data tal-ewwel ittra ufficjali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (a fol 4 tal-atti u li biha eccepixxa :

1. Illi l-incident tat-traffiku mertu ta' dina l-kawza ma garax tort u htija tal-eccipjenti, izda gara tort u htija ta' James Zammit, is-sewwieq tal-vettura numru CAF 815, u dan meta l-imsemmi Zammit dahal gol vettura misjuqa mill-eccipjenti meta l-istess Zammit kien gej b'velocita qawwija tant li huwa ma' setghax jikkontrolla l-vettura misjuqa minnu u dahal fil-genb tal-vettura misjuqa mill-eccipjenti u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi stante li dan l-incident ma' garax tort u htija tal-eccipjenti l-ebda ammont ma' huwa dovut lill-atturi in linea ta' danni, liema danni, fi kwalunkwe kaz kif pretizi huma ezagerati.

3. Salv eccezzjonijiet ohra permessi skond il-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluza n-nota ta' referenzi tal-attur nomine (u mhux tal-konvenut f'dan il-kawza fol 49 u 50 tal-atti).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, fuq il-meritu ta' dan il-kaz, il-Qorti di gja ppronunzjat ruhha, permezz ta' sentenza moghtija illum stess fl-ismijiet

“Noel Galea (l-istess konvenut f’dan il-kaz) vs James Zammit.

Illi, filwaqt li ssir referenza ghall-istess sentenza, li kopja taghha legali ghandha tigi annessa ma din u, b’hekk, trid tifforma parti integrali ta’ din is-sentenza sabiex tigi evitata ripetizzjoni inutili, l-istess Qorti thoss, li a basi ta’ dak kollu premess fl-imsemmija sentenza ghandha tilqa’ dak eccipit mill-konvenut u b’hekk, tichad it-talba attrici.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa l-eccezzjoni kif sollevata mill-konvenut u tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kollha inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-Novembru 1998 u tat-23 ta’ April 1999 kontra l-istess attur nomine et.

--------------------------------TMIEM--------------------------------